MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 147/2000/1

**Dorothy Zammit Fitzpatrick**

**vs**

**Edward Zammit**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-22 ta' Lulju 1999 fejn il-konvenut ta' l-kunsens tieghu ghal kuntratt ta' zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, imma ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ta' l-attrici minn mal-konvenut li gie celebrat f'Malta fit-22 ta' Lulju 1999, *stante* li l-konvenut fil-mument taz-zwieg ta l-kunsens b'qerq ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat il-verbal tal-31 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-23 ta' Frar 2001 a fol. 8 fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament, l-eccipjent jiddikjara li ma jopponix it-talba attrici li l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jiddikjara illi l-allegazzjoni mressqa mill-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi effettivament, in-nullita' taz-zwieg huwa mputabbli lill-attrici.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permesi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 9 tal-process.

Rat il-verbali tal-14 ta' Frar 2001 fejn kemm Dr. Graziella Bezzina ghall-attrici, u kemm il-konvenut taw ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smiegh u bic-citazzjoni attrici. Il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tas-17 ta' Settembru

2001; tat-2 ta' Novembru 2001; tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-21 ta' Mejju 2002 u tas-6 ta' Novembru fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali.

Rat ir-relazzjoni tal-istess Perit Legali Veronica Galea Debono.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici, filwaqt li pprezentata zewg affidavits tax-xhieda taghha, u cjoe' ta' ommha Ines Fitzpatrick (Dok. "IF"), u ta' huha Noel Fitzpatrick (Dok "NF"), xehdet *viva voce* testwalment hekk: -

*"Illi jiena ltqajt mal-konvenut meta kelli (18)tmintax-il sena u hu kellu (17) sbatax-il sena. Iltqajna gewwa Paceville go post fejn kien jahdem hu. Domna nohorgu flimkien xi hames snin. Fil-bidu tar-relazzjoni u cjoe' l-ewwel tliet xhur kollox mexa sew u konna mmorru tajjeb flimkien. Izda meta bdejna r-raba' xahar tar-relazzjoni bdejna nillitigaw ta' spiss u specjalment minhabba li l-konvenut kien jghir hafna ghalija. Ghall-ewwel konna nillitigaw verbalment u nghajru lil xulxin, izda wara l-affarijiet marru ghall-aghar u gieli twaddbu xi affarijiet. Sa l-ewwel tliet xhur kont nghix ghand ommi, izda wara li bdejt nohrog mal-konvenut kelli hafna 'clashes' ma' ommi ghaliex kienet tarani qed ninbidel. Ghalhekk tlaqt mid-dar wara tliet xhur nohrog mal-konvenut. Kont krejt 'flat' zghir gewwa San Giljan sabiex immur nghix wahdi izda l-konvenut kien iqatta' hafna zmien hemm. Kien jitlaq mill-*

*‘flat’ tieghi dejjem tard hafna, per ezempju f’xi t-3:00 a.m. jew l-4:00 a.m., u dana ghaliex kellu ossessjoni li ma riedx li ndahhal xi rgiel ohra wara li jitlaq hu minn hemm.*

*Illi kuntatt ma’ ommi w hija ma zammejtx wara li mort nghix ghal rasi. Domt sitt xhur nghix San Giljan. F’dan il-perjodu l-affarijiet marru hazin hafna bejnietna u kien ikun hemm hafna incidenti ta’ glied bl-idejn. Sahansitra darba refa’ jdejh fuqi barra u n-nies ippruvaw iwaqqfuh.*

*Illi wara li tlaqt mill-‘flat’ mort nghix mal-genituri tal-konvenut fejn kien ghadu jghix hu wkoll. Il-genituri tal-konvenut kienu jittrattawni tajjeb hafna izda kienu jiddejqu illi konna nargumentaw il-hin kollu. Jiena domt nghix hemm xi disa’ xhur. Anke f’dan il-perjodu ma kelli l-ebda kuntatt ma’ ommi w hija.*

*Illi omm il-konvenut hi stess kienet tarana niggieldu u kienet tghidli li ma kellhiex x’irridu! Omm il-konvenut kienet tghidli li t-tifel kien bhal missieru. Jiena ma ndhaltx f’din il-bicca tax-xoghol bejn missieru w ommu. Omm il-konvenut kienet tittrattani bhal wahda mill-familja.*

*Illi sadanittant kont nahdem gewwa Insurance Company izda l-konvenut ghamilli l-hajja difficli peress illi beda jissuspetta f’kulhadd li nahdem mieghu, u ma kien joghgbu xejn li nkellem lin-nies tax-xoghol. Beda wkoll jakkuza lil kulhadd. Ghalhekk tlaqt minn hemmhekk u mort nahdem il-bank fejn qieghda llum.*

*Illi wara xi sentejn li ma bqajtx nikkuntattja l-familja bdejt inhoss il-mankanza taghhom u ergajt ghamilt kuntatt maghhom. Il-hbieb kont ukoll ksirt il-kuntatt maghhom ghax il-konvenut ma kienx ihallini nohrog maghhom ghaliex kellu l-idea li jekk nohrog wahdi l-irgiel kienu jittantawni. Sadattant meta kienet tigi l-okkazjoni, l-konvenut hareg mal-hbieb tieghu wahdu, u kien jghid li ghal ragel s-sitwazzjoni kienet differenti.*

*Illi l-konvenut ma ha pjacir xejn meta ergajt ghamilt kuntatt mal-familja tieghi ghax qal illi l-affarijiet bejnietna jergghu imorru hazin. Hija w ommi kienu jippruvaw jigbduli l-*

*attenzjoni ghall-fatt li l-affarijiet bejnietna ma kienux normali u ma setghax ikun li l-konvenut ma kienx ihallini niccaqlaq.*

*Illi konna ppjanajna li nitgharrsu f'Mejju tal-1998. Wara ddecidejna li nbiddlu d-data ghal Ottubru. Sadattant ma ghidtx lill-genituri tieghu li kont irrangajt mal-familja tieghi. Konna ppjanajna li nitgharrsu ghand il-genituri tal-konvenut. Izda omm il-konvenut bdiet iggib hafna skuzi biex ma jsirx dan il-'party' u jiena ta' l-idea illi hi ma kenitx taqbel mall-fatt li konna ser nitgharrsu. Fl-ahhar konna tgharrasna f'Marzu tal-1999.*

*Illi ftit qabel ma tgharrasna konna xtrajna 'flat' bejnietna. Jiena kont nahdem il-Bank dak iz-zmien. Il-konvenut kien jahdem mas-sezzjoni tal-SAG tal-Pulizija u kellu diversi 'part-time jobs'. Hadna 'loan' mill-bank fejn nahdem jien. Originarjament hadna 'loan' mill-Lohombus b'rati normali. Meta mbaghad jiena ghalaqt sentejn nahdem fil-bank tieghi, dawwarna l-'loan' u hadnih nofsu jiena bir-rata baxxa li jaghtu l-impjegati tal-bank, u nofsu hu bir-rati normali. Ahna morna nghixu go dan il-post xi xahar qabel ma tgharrasna.*

*Illi qabel ma gejna biex nizzewgu xorta bqajna niggieldu hafna. Konna nohorgu ftit li xejn, u jiena kont dejjem id-dar, izda l-konvenut ftit li xejn kien ikun id-dar bix-xoghol li kellu.*

*Illi l-konvenut kien ihobb hafna l-muturi u kien qalli li kieku kellu mutur konna nistghu nergghu nibdew nohorgu. Ghalhekk jiena nkoraggejtu sabiex jixtri wiehed. Hadt 'loan' iehor minn fuq il-Bank, u hadtu fuqi biex ikollna rati baxxi. Il-mutur xtrajnih izda l-affarijiet xorta baqghu kif kienu.*

*Illi diment kif konna qedin nghixu flimkien u nhallsu l-'loans', u diment li l-konvenut kien dejjem igorr illi jiena kont nahdem anqas sieghat minnu u nithallas izjed, u li jiena kont inhallas rata baxxa fuq il-'loan' waqt li hu kien ihallas rata normali, u diment illi konna ippjanajna li nizzewgu xi sena w nofs 'l quddiem, il-konvenut ried li*

*nizzewgu minnufih sabiex nibdew nibbenefikaw it-tnejn mir-rati baxxi fuq il-'loans' (u mhux jiena biss), u b'hekk l-istat finanzjarju taghna kienet tammeljora ftit.*

*Illi ahna zzewwigna bic-Civil mhux bil-knisja. Jiena hsibt illi billi nizzewgu konna ser immorru ahjar peress illi ma kienx ikollna dak il-piz finanzjarju li kellna, u l-konvenut seta' jqatta' ftit izjed hin mieghi minflok ma jaghmel dawk il-'part-time jobs' kollha. L-ghan principali taz-zwieg kien li nibbenefikaw mir-rati izjed baxxi fuq il-'loans'.*

*Illi la l-familjari tieghi u lanqas tal-konvenut kienu jafu li konna zzewwigna.*

*Illi ahna zzewwigna fit-22 ta' Lulju 1999 u domna nghixu ta' mizzewgin sal-bidu ta' Dicembru tal-1999. Tul dan iz-zmien l-affarijiet marru hafn' aktar ghall-aghar. Il-konvenut bil-kemm kont narah ghaliex kien imur minn xoghol ghal xoghol iehor. Lanqas kien jiekol id-dar mieghi izda kien jitlobni nlestilu l-ikel go 'thermos' u jiehdu mieghu x-xoghol. Kien jahdem is-Sibt u l-Hadd, u festi, kemm bil-lejl kif ukoll tul il-gurnata.*

*Illi l-fattur ta' ghira kienet baqghet prezenti hafna fiz-zwieg taghna u kienet raguni ta' hafna glied bejnietna.*

*Illi tfal ma kellniex u lanqas kellna hsieb li jkollna. Qatt ma tkellimna fuq it-tfal la qabel u lanqas wara z-zwieg.*

*Illi sa ezatt qabel ma zzewwigna bir-Registru, bqajna bil-hsieb illi sena w nofs 'l quddiem nizzewgu bil-knisja. Wara li zzewwigna mbaghad l-affarijiet tant marru ghall-aghar illi dan il-pjan kien ovvja li mhux ser isehh.*

*Illi l-konvenut waqt li konna mizzewgin qatt ma qies ruhu mizzewweg ghaliex skond hu l-veru zwieg kien ser isir sena w nofs 'l quddiem bil-knisja. Fil-fatt meta kont insemmi li ahna konna mizewgin kien jghidli "le, ahna m'ahniex mizzewgin. Ser nizzewgu sena w nofs 'l quddiem", u li ahna konna zzewwigna biss ghal ragunijiet ta' flus u finanzi.*

*Illi wara li zzewwigna morna ghall-fiera tat-tigijiet wara li domt inhajjar ir-ragel. Izda meta gie ftit li xejn kien entuzjazmat. Ahna sseparajna fil-15 ta' Frar 2000 b'kuntratt.*

*Illi meta wasalna fl-ahhar taz-zwieg taghna jiena bdejt naghmel li nista' biex insalva dak li kien diga' distrutt. Ir-ragel pero' ma ghamel ebda sforz biex jirranga u pjuttost beda jidhol tard hafna f'xi l-5:00 a.m. u s-6:00 a.m. Meta ghidtlu li kien ikun siewi li ma jaghmilx dak ix-xoghol kollu u jibqa' ftit izjed mieghi, hu dar fuqi u qalli "ma ghaddielekx minn mohhok illi jiena dak ix-xoghol m'ghamiltux ghall-flus, izda biex noqoghod 'il boghod minnek?"*

*Illi f'Awissu tal-1999 ir-ragel kien siefer wahdu mal-'group' tal-'football' tax-xoghol. Meta gie lura dawwarha fuqi u beda jghidli "min jaf x'ghamilt meta kont wahdek hawn." Jiena kelli nhalli u nitlaq il-'hobbies' kollha li kelli tant kien jghir ir-ragel. L-unici 'hobbies' li stajt ikolli kienu dawk li stajt naghmel id-dar wahdi.*

*Illi l-familja tieghi saret taf wara li zzewwigna x'konna ghamilna".*

Illi min-naha tieghu, il-konvenutipprezenta affidavit ta' habib tieghu Cristian Cortis (Dok. "A"), u xehed *viva voce* testwalment hekk:-

*"Illi jiena w l-attrici ltqajna f'Ottubru tal-1994 meta jiena kelli (17) sbatax-il sena u hi kellha l-istess eta'. Jiena kont nahdem go 'bar' gewwa Paceville u ltqajt l-ewwel darba maghha hemmhekk. Ahna bdejna niltaqghu ta' sikwit, u xi ftit gimghat wara li konna ltqajna hija kienet irrakkontatli dwar it-tfulija taghha u l-familja taghha li ma tantx kienu maghqudin. Fil-fatt il-genituri ta' l-attrici kienu sseparati. Hi kienet qaltli li meta hassret minn mal-'boyfriend' precedenti kienet hadet ammont ta' pilloli, u dana ghaliex bdiet thossha waheda.*

*Illi dak iz-zmien l-attrici kienet bdiet tahdem gewwa Insurance Agency u l-Manager ta' spiss kien jghajtilha*

*gewwa l-ufficju tieghu u kien jihharrassjaha b'diskors ta' natura personali. Dan kien kollu x'qaltli hi. Jiena ovvjament ma kontx hadt gost, izda qatt ma ghidtilha sabiex titlaq il-'job'. Kien irnexxilha tintaghzel biex tahdem go Bank, u ddecidiet sabiex titlaq mill-Insurance Agency sabiex tahdem gol-Bank u dana principalment ghal ragunijiet finanzjarji. Dan kollu gara fl-ewwel xhur li konna nohorgu flimkien. S'issa ir-relazzjoni taghna kienet fil-bidu u kienet ghadha tajba. Ir-relazzjoni bejn l-attrici u ommha ma tantx kienet tajba u gieli kont inkun id-dar ta' ommha u narahom jiggieldu u kont nimbarazza ruhi.*

*Illi l-ewwel Milied wara li konna flimkien, il-genituri tieghi nvitaw l-attrici w ommha sabiex jigu jieklu ghandna. L-attrici pero' giet waheda u qalet li ommha hassitha ma tiflahx wara li kienet belghat xi pilloli u hadet xi alkohol. Dan id-diskors sar lili.*

*Illi darb' ohra l-attrici dehret inkwetata waqt li konna ghand ommha stess u kienet belghat xi disa' pilloli 'Dalmain' li huma kalmanti. Jiena kont hemm izda ma kenitx belghathom quddiemi. Rajtha tistordi u rajt pakkett tal-pilloli vojt fid-'dustbin', u ghalhekk hadtha l-isptar minnufih. Ma tantx kienet f'kundizzjoni tajba u ghalhekk zammewha hemmhekk gimgha.*

*Illi f'dik il-gimgha l-familja ta' l-attrici lanqas marru l-isptar jarawha darba, avolja kienu jafu li kienet qeghda l-isptar. Meta harget mill-isptar kienet qaltli li ser titlaq mid-dar ta' ommha. Jiena hallejt id-decizjoni f'idejha. Ghalhekk l-attrici ftehmet ma' ommha fuq l-affarijiet li ser tiehu u telqet. Jiena f'dan l-istadju kont konfuz hafna ghaliex esperjenzajt il-fatt illi kienet hadet doza qawwija ta' pilloli fil-prezenza tieghi, u ma kenitx xi haga li rrakkontatli. Jiena nkwetajt hafna minhabba l-'background' ta' l-attrici u l-istat li kienet tinsab fih.*

*Illi l-attrici kriet 'flat' ghal sitt xhur u dana minhabba li ma setghetx tkompli tghix ghand ommha peress li ma kienux imorru tajjeb flimkien.*

*Illi wara dawn is-sitt xhur tghix ghal rasha ma setghetx tissaporti l-piz finanzjarju u ghalhekk giet tghix ghand il-genituri tieghi. Il-kuntatt ma' ommha kien spicca ghal kollox.*

*Illi ommi dak iz-zmien kienet tospita l-istudenti barranin u l-attrici kienet tghir hafna ghalihom. Skond jiena, jien gejt l-unika persuna li l-attrici setghet iddur fuqha u kienet tafda lili biss.*

*Illi mbaghad sitt xhur wara li ghexet ghand ommi konna ddecidejna li nixtru 'flat'. F'dan l-istadju pero' ma kien sar l-ebda diskors dwar zwieg bejnitna. Iz-ziju tieghi kien ghinna finanzjarjament sabiex nixtru dan il-'flat' li kien ta' ohti stess. Ghalhekk konna morna nghixu flimkien go dan il-'flat'. Ovvjament jiena kelli nzid is-sieghat tax-xoghol tieghi sabiex inkun nista' nlahhaq mal-hlasijiet lill-Bank. F'dan iz-zmien jiena kont dhalt mal-korp tal-Pulizija.*

*Illi tul dan il-perjodu l-argumenti bejnietna kienu zdiedu. Kienu argumenti bazikament rizultat tal-'pressure' finanzjarju li konna dhalna ghalih. Huwa minnu li waqt dawn l-argumenti kienu twaddbu xi affarijiet xi kultant izda ma naqbilx ma' dak li qalet l-attrici fis-sens illi kienet waddbithom hi fid-direzzjoni tieghi.*

*Illi f'dak iz-zmien kienet spiss tghaddi minn rasi li nwaqqaf ir-relazzjoni, biss dejjem kont nibza' li l-attrici twettaq xi abbuz ta' uzu ta' pilloli kif kien diga' sar. L-attrici darba qabel kienet qaltli li jekk inhassru ma kenitx taf x'tasal sabiex taghmel. Jiena ghalhekk bqajt ghaddej bir-relazzjoni taghna. Jiena ndunajt li r-relazzjoni taghna ma kenitx wahda tajba u sana, u li kien hemm wisq argumenti bejnietna ghal zewg persuni li kienu ghadhom fi stadju tal-bidu tar-relazzjoni taghhom."*

Illi l-konvenut kompla jixhed permezz ta' affidavit tieghu (Dok. "EZ1"). Huwa pproduca wkoll bhala xhud lil Maria Sciberras li xehdet testwalment hekk:-

*"Jiena Medical Administrator fl-Isptar San Luqa. Gejt imharrka llum sabiex nixhed dwar il-pazjenta Dorothy Fitzpatrick, u sabiex ingib mieghi il-'file' relatat maghha.*

*Illi ghal kull pazjent li jidhol l-isptar hemm 'file' wiehed fuqu. Kull darba li pazjent jerga' jidhol ikun hemm 'admission form' u dan jizdied mal-'file'.*

*Illi ghandi nghid illi mir-'records' ta' l-Isptar jidher illi fl-10 ta' Settembru 1995 il-pazjenta Dorothy Fitzpatrick kienet dahlet il-Casualty Department peress illi hadet hames pilloli 'Dalmane' li huma 'sleeping pills' fil-12.00a.m. Dahlet l-isptar fis-2.30a.m. Milli jidher fil-'file' l-pazjenta setghet xorbot ukoll grokk wiehed alkohol.*

*Illi l-informazzjoni rigward il-fatt li l-pazjenta tkun xorbot grokk alkohol tinghata mill-pazjenta stess fuq 'routine question' taghna. Hemm notamenti fil-'file' li juri illi ma kienx hemm episodju precedenti qabel dan l-incident, fil-konfront tal-pazjent.*

*Illi ma sar l-ebda 'gastric cleansing' ghaliex skond ahna din m'hijiex haga serja u ma jkunx hemm bzonn ta' 'treatment' ghal kwistjoni bhal din. Il-pazjenta baqghet l-isptar sal-11 ta' Settembru 1998 sabiex jigi konsultat il-psikjatra. Din ukoll hija procedura regolari taghna.*

*Illi fuq mistoqsija ta' l-avukat jekk il-pazjenta tnizzlitx fil-'psychiatric unit' nghid illi bilfors ghandu jaraha psikjatra sabiex ahna nkunu mohhna mistrieh li m'hemmx riskju li l-pazjent ikun 'suicidal' qabel ma jigi 'discharged'.*

*Illi skond il-'file' jidher illi l-pazjenta giet fil-fatt vizitata mill-psikjatra fil-11 ta' Settembru 1995. Skond in-noti li nizzel il-psikjatra fil-'file' il-pazjenta Dorothy Fitzpatrick kienet 'very depressed'."*

## B. Konsiderazzjonijiet ta' dritt.

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-

zwieg kien simulat u, billi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif previst fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jiddisponi kif gej:-

*19 (1) ‘B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.’*

Illi l-esponenti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita’ taz-zwieg *o meno* taht dan l-artikolu.

Illi l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** citat mill-attrici fic-citazzjoni minnha pprezentata, jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali *(‘colorem habens, substantiam vero nullam’)* kif ukoll dak parzjali *(‘colorem habens, substantiam vero alteram’)* tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **“Alfred Tonna vs Maria Tonna”**, 31 ta’ Jannar 1996, u fil-kaz **“Muscat vs Borg Grech”**, 14 ta’ Awissu 1995, *“ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).”*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **“Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et”**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912 *“a poter dedursi la invalidita’ dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si*

*contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe', fictio seu ostensio falsi pro vero."*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja' mentalment dispost li ma jottemporax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kaz **"Bonnici vs Bonnici"** (Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizjoni ohra Taghha **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort' ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Imbaghad fil-kaz **"Galea vs Walsh"** (Prim' Awla 30 ta' Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata."* Fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim' Awla 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:- *"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att*

*pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*"

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cjoe' ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **"Grech vs Grech"** (Prim' Awla 9 ta' Ottubru 1990), u **"Aquilina vs Aquilina"** (Prim' Awla 30 ta' Jannar 1991).

## C. Applikazzjoni tal-Ligi ghall-provi esposti.

Illi tenut kont ta' dan, il-Qorti, bhal brava perit legali ser tghaddi biex tezamina l-kaz in kwistjoni fid-dawl tal-provi migbura quddiemha.

Illi l-partijiet kienu ltaqghu ma' xulxin meta l-attrici kellha tmintax-il sena w l-konvenut kellu (17) sbatax-il sena. Dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem gewwa bar go Paceville u l-attrici kienet iltaqghet mieghu hemm. Fl-ewwel tliet xhur tar-relazzjoni taghhom, skond l-attrici, l-affarijiet kienu mexjin sew bejniethom. Izda r-relazzjoni bdiet tmur hazin mill-ewwel li ghaddew dawn it-tliet xhur. Bazikament, il-partijiet donnhom kienu jqattghu izjed zmien jiggieldu u jillitikaw milli jikkoltivaw relazzjoni ta' namrar u relazzjoni tajba bejniethom, kif wiehed jistenna minn zewg persuni li ghadhom zghar u li ghadhom kif bdew johorgu flimkien.

Illi kienu jillitigaw kontinwament billi jitghajru verbalment, izda xi drabi anke kienu jwaddbu l-affarijiet ghal xulxin. Skond l-attrici, l-konvenut kien jghir ghaliha b'mod xejn normali, u kien kwazi ossessjonat li hi kienet tiltaqa' ma' rgiel ohra jew li seta' kellha xi ragel iehor.

Illi f'dan iz-zmien meta l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut, hija kienet tghix ma' ommha, izda hi tant kienet bdiet

ikollha *'clashes* u xi tghid ma' ommha, li r-relazzjoni bejn dawn it-tnejn bdiet sejra hazin hafna u l-attrici qabdet u telqet mid-dar ta' ommha w marret tghix ghal rasha go *flat*. Minn dakinhar li telqet minghand ommha hi qatghet kull kuntatt ma' ommha u ma regghetx ratha jew kellmitha sa xi ftit snin wara. L-attrici li qabel kellha wkoll relazzjoni tajba hafna ma' huha Noel Fitzpatrick wkoll qatghet kull kuntatt mieghu.

Illi anke f'dan il-perjodu meta l-attrici kienet qed tghix ghal rasha, l-partijiet kienu jiggieldu l-hin kollu. Skond l-attrici, l-konvenut kien iqatta hafna hin gol-*flat* ta' l-attrici, u kien jibqa' ghandha sa kmienu filghodu sabiex jaccerta ruhu li l-ebda rgiel ma jidhlu ghandha wara li jitlaq hu!

Illi mbaghad wara xi ftit xhur l-attrici sabet ruhha f'diffikultajtiet sabiex thallas il-kera tal-post u ghalhekk marret tghix ghand il-genituri tal-konvenut, fejn kien ghadu jghix hu wkoll. Damet tghix hemmhekk xi disa' xhur. Il-genituri tal-konvenut kienu jittrattawha tajjeb u daqs wahda tal-familja, izda kienu jiddejqu wkoll bil-glied kontinwu bejn il-koppja. Sahansitra, omm il-konvenut kienet qalet lill-attrici, li l-konvenut kien bhal missierha u li ma kellhiex xi tridu.

Illi l-attrici tghid illi tul dan il-perjodu, hija kienet tahdem go kumpanija tal-*Insurance*, u li l-konvenut tant kien jissuspetta hazin fl-irgiel li kienu jahdmu hemm illi kien gieghla titlaq minn hemm. Hija minn hemmhekk marret tahdem gol-bank fejn ghadha tahdem sa llum. Min-naha tieghu, l-konvenut jichad dan u jghid illi l-attrici kienet qaltlu li l-Manager kien joqoghod jittantaha. Hu jghid li ma kienx ha gost b'dan izda ma kienx jindahal xejn x'ghandha taghmel l-attrici.

Illi wara xi sentejn minghajr ebda kuntatt mal-familja taghha, l-attrici tghid li bdiet thoss il-mankanza taghhom u ghalhekk regghet ghamlet kuntatt ma' ommha u huha. Skond hi, l-konvenut xejn ma ha pjacir b'dan, u l-glied bejniethom kompla. Minkejja dan, pero', huma ddecidew li jitgharrsu f'Mejju tal-1998, izda bidlu d-data diversi drabi u fl-ahhar spiccaw biex tgharrsu f'Marzu tal-1999.

Illi omm u hu l-attrici xi kultant ippruvaw jigbdu l-attenzjoni tal-attrici li forsi din ir-relazzjoni kienet wahda mhux normali u li l-attrici ma kellha l-ebda liberta' taghha, izda l-attrici kompliet fit-triq li kienet ghazlet.

Illi gara li l-partijiet ftit qabel ma tgharsu xtraw *flat* bejniethom u marru jghixu flimkien go fih. Huma hadu *loan* mal-bank fejn l-attrici kienet qed tahdem sabiex xtraw il-post, u l-attrici kellha xi rati tal-interessi izjed favorevoli ghal dak in-nofs li kienet qed thallas hi, waqt li ghall-konvenut, ir-rati kummercjali normali kienu japplikaw ghalih.

Illi dak iz-zmien, il-konvenut kien dahal jahdem mal-Korp tal-Pulizija, u apparti dan kellu hafna *part-time jobs* ohra. Tul dan il-perjodu, milli jidher il-glied kontinwu bejn il-koppja kompla ghaddej. L-attrici spiccat biex hadet *loan* iehor fuq isimha, bir-rati konvenjenti, sabiex il-konvenut seta' jixtri mutur.

Illi f'dan l-istadju, l-partijiet sabu ruhhom f'sitwazzjoni fejn kellhom pizijiet finanzjarji kbar fuqhom, u l-konvenut kien qieghed jahdem sighat twal kuljum inkluz is-Sibt u l-Hadd. Huwa kien igorr illi kien jahdem hafna izjed mill-attrici u jaqla anqas minnha. Ghalhekk, il-partijiet qabdu u zzewgu bic-Civil fit-22 ta' Lulju 1999 sabiex it-tnejn li huma jibdew jibbenefikaw mir-rati favorevoli li l-bank kien joffri lill-attrici, issa li kienu mizzewgin!! Kif xehdet l-attrici stess *"l-ghan principali taz-zwieg kien li nibbenefikaw mir-rati izjed baxxi fuq il-'loans'."* Il-konvenut stess xehed, *"… hija (l-attrici) harget bil-proposta li nizzewgu, u dan sabiex inkunu mistghu nibbenefikaw ulterjorment minn rati ta' nteressi baxxi hafna, u dan dejjem in vista tal-fatt li hi kienet ghadha mpjegata mal-Bank. Fil-fatt izzewwigna bic-civil biss, u jien ipposponejt kemm stajt id-data taz-zwieg bil-Knisja. Fil-fatt dak il-pass bqajna qatt ma hadnih."* Hu xehed ukoll hekk: *"… jien u Dorothy … inghaqadna fiz-zwieg sabiex nibbenefikaw mir-rati ta' nteressi favorevoli li joffri l-Bank fejn kienet impjegata Dorothy lill-impjegati."*

Illi b'dan iz-zwieg hadd mill-familjari, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut, ma saru jafu xejn. Kien biss wara li ghaddew xi xhur, li omm u hu l-attrici skoprew li l-partijiet kienu fil-fatt mizzewgin. Hadd mill-membri tal-familja tal-partijiet ma kien prezenti waqt ic-cerimonja taz-zwieg. Dan gie kollu konfermat kemm minn omm l-attrici kif ukoll min huha fl-affidavits taghhom. Huma t-tnejn xehdu li kienu hadu xokk meta saru jafu li l-attrici kienet izzewget lill-konvenut u li lanqas kienet qaltilhom b'dan. Omm l-attrici stess tikkonferma wkoll illi l-attrici kienet qaltilha illi l-partijiet kienu zzewgu ghax kien jaqblilhom biex jibbenefikaw mir-rati tajba ta' nteressi fuq is-self. Anke hu l-attrici Noel Fitzpatrick jikkonferma fl-affidavit tieghu illi l-attrici kienet qaltlu li hi w il-konvenut kienu zzewgu ghax kien jaqblilhom finanzjarjament.

Illi l-idea milli jidher, kienet illi l-partijiet jizzewgu bil-Knisja wara ftit, u kienu qabdu u zzewgu bic-civil l-ewwel minhabba din il-bicca xoghol tal-*loan* tal-bank. Iz-zwieg bil-Knisja fil-fatt qatt ma sar, u dan minhabba li l-partijiet lanqas damu sitt xhur mizzewgin, ghaliex f'Dicembru tal-1999 kienu diga' sseparaw *de facto*, u fi Frar tal-2000 isseparaw minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni.

Illi l-attrici xehdet illi:- *"Il-konvenut waqt li konna mizzewgin qatt ma qies ruhu mizzewweg ghaliex skond hu l-veru zwieg kien ser isir sena w nofs 'l quddiem bil-Knisja. Fil-fatt meta kont insemmi li ahna konna mizzewgin kien jghidli "le, ahna m'ahniex mizzewgin, ser nizzewgu sena u nofs 'l quddiem", u li ahna konna zzewwigna biss ghal ragunijiet ta' flus u finanzi."*

Illi l-fatt hu li r-relazzjoni li diga' kienet wahda mimlija glied, tghajjir u problemi qabel iz-zwieg, kompiet tiddeterjora wara z-zwieg. Il-konvenut kompla jahdem sieghat twal u anke fost il-*weekend*, u skond l-attrici l-problema ta' l-ghira baqghet tezisti.

Illi apparti dan, il-konvenut isostni li l-attrici ftit xhur wara z-zwieg u cjoe' f'Dicembru ta' wara, kienet qed tbiddlu ma ragel iehor. Hu fil-fatt kien qabadha mieghu kemm fuq ix-xoghol taghha, kif ukoll f'okkazjoni meta kienet Paceville

ma' dan it-terza persuna, u hu kien ma' habib tieghu. Dan il-fatt gie kkonfermat mill-habib tal-konvenut Cristian Cortis li xehed li ra lill-attrici ma' guvni iehor u baqa' skantat. Huwa xehed testwalment hekk: *"F'hin minhhom, waqt illi konna gewwa bar f'Paceville, gejna wicc ma' wicc ma' Dorothy, li kienet fil-kumpanija ta' guvni iehor. Hi tbissmet u baqghet ghaddejja bhal li kieku ma gara xejn. Hrigna barra l-istabiliment u hemm naraw lil Dorothy titbewwes f'nofs it-triq ma' dan il-guvni. Edward dar fuqi u qalli, "… hemm ha, temmen issa? Ara ghal min ghaddejt minn dak kollu jien." Dak il-kliem ma ninsih qatt ghax inhsadt b'dak li rajt, aktar u aktar meta kont naf illi sa dak iz-zmien kienu ghadhom mizzewgin."* (affidavit Dok. "A").

Illi min-naha taghha, l-attrici ssostni illi l-konvenut lejn l-ahhar taz-zwieg taghhom beda johrog wahdu sa tard bil-lejl. U meta hi bdiet tghidlu li kien ikun siewi li ma jahdimx daqshekk u li minflok iqatta' ftit hin maghha, huwa kien irrisponda hekk:- *"ma ghaddielekx minn mohhok illi jiena dak ix-xoghol m'ghamiltux ghall-flus, izda biex noqoghod 'l boghod minnek?"*

Illi mbaghad apparti dan kollu, l-partjijiet it-tnejn ikkonfermaw fix-xhieda taghhom illi l-kwistjoni ta' tfal qatt ma ddiskutewha bejniethom. Rigward dan, l-attrici xehdet testwalment hekk:- *"Tfal ma kellniex u lanqas kellna hsieb li jkollna. Qatt ma tkellimna fuq it-tfal la qabel u lanqas wara z-zwieg."* Min-naha tieghu, l-konvenut xehed testwalment hekk:- '*Tul ir-relazzjoni taghna, tfal qatt ma ssemmew, u ma kellna l-ebda hsieb taghhom; dan in vista tal-fatt illi t-tnejn konna ghadna zghar, u kellna certu piz finanzjarju'"*

Illi hemm ukoll il-kwistjoni li jsemmi l-konvenut fix-xhieda tieghu, u cjoe', l-problema li kellha l-attrici li kienet tezisti meta kienu gharajjes. Milli jidher, l-attrici kienet tbaghti minn xi tip ta' *depression* u kien hemm xi okkazjoni jew tnejn meta belghet hafna pilloli u sahansitra kellha tittiehed l-isptar ghal kura medika. L-ewwel darba l-konvenut sar jaf b'din il-problema ghaliex qaltlu l-attrici stess li kienet belghat hafna pilloli meta kienet hassret ma' *boyfriend* precedenti ghaliex kienet hassitha waheda.

Illi t-tieni darba li grat kienet meta kienu qedin johorgu flimkien u l-attrici kienet ghadha qed tghix ghand ommha. L-attrici ma belghetx il-pilloli quddiem il-konvenut, izda wara raha tistordi u ra l-kaxxa tal-pilloli vojta fiz-zibel, u ghalhekk hadha l-isptar minnufih. Peress illi ma tantx kienet tinsab f'kundizzjoni tajba, baqghet l-isptar gimgha.

Illi dan l-episodju gie kkonfermat mix-xhud Dr. Maria Sciberras, *Medical Administrator,* fl-Isptar San Luqa, li xehdet *viva voce* quddiem l-esponenti. Hija kkonfermat li skond ir-*records* tal-isptar rigward l-attrici, din ittiehdet l-isptar fl-10 ta' Settembru 1995 u dahlet fil-Casualty Department peress illi hadet hames *sleeping pills* u grokk. Saritilha konsultazzjoni mal-psikjatra u skond in-noti tieghu kien hemm imnizzel li l-attrici kienet *"very depressed"*.

Illi skond il-konvenut, dan kollu kellu effett serju w allarmanti fuqu. Sahansitra beda jhoss illi l-attrici kienet taghmel xi wahda jekk kien ihalliha. Huwa xehed hekk f'dan ir-rigward: *"F'dak iz-zmien (meta kienu xtraw il-post taghhom), kienet spiss tghaddi minn rasi li nwaqqaf ir-relazzjoni, biss dejjem kont nibza' li l-attrici twettaq xi abbuz ta' uzu ta' pilloli kif kien diga' sar. L-attrici darba qabel kienet qaltli li jekk inhassru ma kenitx taf xi twassal biex taghmel. Jiena ghalhekk bqajt ghaddej bir-relazzjoni taghna. Jiena ndunajt li r-relazzjoni taghna ma kenitx wahda tajba w sana, u li kien hemm wisq argumenti bejnietna ghal zewg persuni li kienu ghadhom fi stadju tal-bidu tar-relazzjoni taghhom."* Huwa xehed ukoll illi: *"Jien inhoss li kont sfurzat li nkompli f'din ir-relazzjoni minhabba li kont mhedded b'hajjitha, u dan peress li kif semmejt hawn fuq, kienet tibla' l-pilloli kull darba li kien jinqala' l-inkwiet bejnietna. Il-piz morali fuqi kien wisq kbir, u wisq kont nibza' illi bl-agir taghha kienet ser tinqala' xi tragedja."*

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono fejn mehud dan kollu in konsiderazzjoni, partikolarment ikkonkludiet li rrizulta mill-provi li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda

hazina kwazi mill-bidu nett, mimlija glied kontinwu; u li hareg car li l-koppja kienet tghabbiet b'wisq problemi finanzjarji w ghazlu li jizzewwgu sempliciment sabiex itaffu ftit minn dawn il-problemi; kif ukoll il-fatt illi qatt ma ddiskutew il-kwistjoni ta' tfal u lanqas qatt ma dahlet f'mohhom li jkollhom; u l-fatt li l-konvenut ma kienx ihossu mizzewweg ghaliex iz-zwieg bic-civil ma kienx zwieg fil-veru sens tal-kelma; u bil-fatt illi z-zwieg bejn il-partijiet lanqas dam jezisti sitt xhur,  l-esponenti hija konvinta li dan iz-zwieg kien vizzjat bil-kunsens taz-zewg partijiet.

Illi fil-fatt il-Perit Legali kkonkludiet hekk:-

*"hija tal-fehma li dan iz-zwieg celebrat fit-22 ta' Lulju 1999 bejn il-partjiet, huwa null u bla effett stante li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut fil-mument taz-zwieg kienu taw il-kunsens taghhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu,"*

*"Illi ghalhekk, mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti hi tal-fehma li z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Lulju 1999 ghandu jigi dikjarat null a bla effett ai termini tal-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, izda dan ghal ragunijiet imputabbli kemm lill-attrici kif ukoll lill-konvenut."*

Illi fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

*Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati.  Illi inoltre` fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher***

***Cilia et noe"*** *(Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-*

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi abbazi ta' dak prodott jidher ghalhekk li l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali huma korretti, u din il-Qorti tiddikjara l-istess zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u minhabba f'dan ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol fi premessi ohra kkunsidrati fic-citazzjoni attrici.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu nkompatibbli mar-rizultanzi fuq premessi f'din is-sentenza, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ta' l-attrici minn mal-konvenut li gie celebrat f'Malta fit-22 ta' Lulju 1999, *stante* li fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-Zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, u ghalhekk tali zwieg huwa null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**28 ta’ Novembru 2002**